

# Linji Gwida



## **Linji gwida 2/2019 dwar l-ipproċessar tad-*data* personali skont l-Artikolu 6(1)(b) GDPR fil-kuntest tal-forniment ta' servizzi online lis-suġġetti tad-*data***

**Verżjoni 2.0**

**It-8 ta' Ottubru 2019**

Translations proofread by EDPB Members.  
This language version has not yet been proofread.

## Storja tal-verżjonijiet

Verżjoni 2.0	It-8 ta' Ottubru 2019	Adozzjoni tal-Linji gwida wara konsultazzjoni pubblika
Verżjoni 1.0	Id-9 ta' April 2019	Adozzjoni tal-Linji gwida għal konsultazzjoni pubblika

1	Parti 1 – Introduzzjoni .....	4
1.1	Sfond.....	4
1.2	Kamp ta’ applikazzjoni ta’ dawn il-linji gwida .....	5
2	Parti 2 - Analiżi tal-Artikolu 6(1)(b).....	6
2.1	Osservazzjonijiet ġenerali.....	6
2.2	Interazzjoni tal-Artikolu 6(1)(b) ma’ bażijiet ġuridiċi oħra għall-ipproċessar.....	7
2.3	Kamp ta’ applikazzjoni tal-Artikolu 6(1)(b).....	8
2.4	Neċessità .....	8
2.5	Neċessarju għall-eżekuzzjoni ta’ kuntratt mas-suġġett tad-data.....	9
2.6	Terminazzjoni tal-kuntratt.....	12
2.7	Neċessarju biex jittieħdu passi qabel id-dħul f’kuntratt .....	13
3	Parti 3 – Applikabbiltà tal-Artikolu 6(1)(b) f’sitwazzjonijiet speċifiċi .....	14
3.1	Ipproċessar għal “titjib fis-servizz” .....	14
3.2	Ipproċessar għall-“prevenzjoni tal-frodi” .....	14
3.3	Ipproċessar għal reklamar online li jagħraf l-imġiba .....	15
3.4	Ipproċessar għall-personalizzazzjoni tal-kontenut.....	16

## Il-Bord Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data

Wara li kkunsidra l-Artikolu 70(1)(e) tar-Regolament 2016/679/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE,

### ADOTTA L-LINJI GWIDA LI ĠEJJIN

## 1 PARTI 1 – INTRODUZZJONI

### 1.1 Sfond

1. Skont l-Artikolu 8 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, id-data personali trid tiġi pproċessata b'mod ġust għal finijiet speċifikati u abbażi ta' bażi leġittima stabbilita mil-liġi. F'dan ir-rigward, l-Artikolu 6(1) tar-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data<sup>1</sup> (GDPR) jispeċifika li l-ipproċessar għandu jkun legali biss abbażi ta' waħda minn sitt kundizzjonijiet speċifikati stipulati fl-Artikolu 6(1)(a) sa (f). L-identifikazzjoni tal-bażi ġuridika xierqa li tikkorrispondi għall-oġettiv u l-essenza tal-ipproċessar hija ta' importanza essenzjali. Il-kontrolluri jridu, fost affarijiet oħra, jieħdu inkunsiderazzjoni l-impatt fuq id-drittijiet tas-suġġetti tad-data meta jidentifikaw il-bażi ġuridika xierqa, sabiex jirrispettaw il-prinċipju tal-ġustizzja.
2. L-Artikolu 6(1)(b) GDPR jipprovdi bażi ġuridika għall-ipproċessar tad-data personali sal-punt li "l-ipproċessar ikun meħtieġ għat-tweġġ ta' kuntratt li għalih is-suġġett tad-data huwa parti jew sabiex jittieħdu passi fuq talba tas-suġġett tad-data qabel ma jidħol f'kuntratt".<sup>2</sup> Dan jappoġġa l-libertà tat-tweġġ ta' negozju, li hija garantita mill-Artikolu 16 tal-Karta, u jirrifletti l-fatt li kultant l-obbligi kuntrattwali lejn is-suġġett tad-data ma jistgħux jitwettqu mingħajr ma s-suġġett tad-data jipprovdi ċerta data personali. Jekk l-ipproċessar speċifiku jagħmel parti mill-konsenja tas-servizz mitlub, huwa fl-interessi taż-żewġ partijiet li tiġi pproċessata dik id-data, billi inkella s-servizz ma jkunx jista' jiġi pprovdut u l-kuntratt ma jkunx jista' jitwettaq. Madankollu, il-kapaċità li l-kontrollur joqgħod fuq din il-bażi ġuridika jew xi waħda mill-bażijiet ġuridiċi l-oħra msemmija fl-Artikolu 6(1) ma teżentahx mill-konformità mar-rekwiżiti l-oħra tal-GDPR.
3. L-Artikoli 56 u 57 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea jiddefinixxu u jirregolaw il-libertà li jiġu pprovduti servizzi fl-Unjoni Ewropea. Ġew adottati miżuri leġiżlattivi speċifiċi tal-UE fir-rigward tas-"servizzi tas-soċjetà tal-informazzjoni".<sup>3</sup> Dawn is-servizzi huma ddefiniti bħala "kull servizz normalment ipprovdut għal remunerazzjoni, mill-bogħod, permezz ta' mezzi elettroniċi u fuq it-talba individwali ta' riċevitur tas-servizzi." Din id-definizzjoni testendi għal servizzi li ma jitħallsux direttament mill-persuni li jirċivuhom,<sup>4</sup> pereżempju servizzi online ifffinanzjati permezz tar-reklamar. "Servizzi online", kif tintuża f'dawn il-linji gwida, tirreferi għal "servizzi tas-soċjetà tal-informazzjoni".

<sup>1</sup> Ir-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (ir-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data).

<sup>2</sup> Ara wkoll il-Premessa 44.

<sup>3</sup> Ara pereżempju d-Direttiva (UE) 2015/1535 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u l-Artikolu 8 GDPR.

<sup>4</sup> Ara l-Premessa 18 tad-Direttiva 2000/31/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2000 dwar ċerti aspetti legali tas-servizzi minn soċjetà tal-informazzjoni, partikolarment il-kummerċ elettroniku, fis-Suq Intern.

4. L-iżvilupp tad-dritt tal-Unjoni jirrifletti l-importanza ċentrali tas-servizzi online fis-soċjetà moderna. Il-proliferazzjoni ta' internet dejjem mixgħul fuq il-mowbajl u d-disponibbiltà mifruxa ta' apparat konness ippermetta l-iżvilupp ta' servizzi online f'oqsma bħall-midja soċjali, il-kummerċ elettroniku, it-tiftix fuq l-internet, il-komunikazzjoni u l-ivvjaġġar. Filwaqt li xi wħud minn dawn is-servizzi huma ffinanzjati minn pagamenti mill-utent, oħrajn jiġu pprovduti mingħajr pagament monetarju mill-konsumatur, u minflok huma ffinanzjati mill-bejgħ ta' servizzi ta' reklamar online li jippermettu l-immirar lejn is-suġġetti tad-data. It-traċċar tal-imġiba tal-utent għall-finijiet ta' dan ir-reklamar spiss jitwettaq b'modi li l-utent ma jkunx konxju minnhom,<sup>5</sup> u jista' ma jkunx immedjatament ovvju min-natura tas-servizz ipprovdut, li jagħmilha kważi impossibbli biex, fil-prattika, is-suġġett tad-data jeżerċita għażla infurmata dwar l-użu tad-data tiegħu.
5. F'dan l-isfond, il-Bord Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data<sup>6</sup> (EDPB) iqis li huwa xieraq li tiġi pprovduta gwida dwar l-applikabbiltà tal-Artikolu 6(1)(b) biex tiġi pproċessata data personali fil-kuntest ta' servizzi online, sabiex jiġi żgurat li din il-bażi ġuridika tintuża biss fejn xieraq.
6. Il-Grupp ta' Ħidma tal-Artikolu 29 (WP29) preċedentement esprima l-fehmiet tiegħu dwar il-bażi tan-neċessità kuntrattwali skont id-Direttiva 95/46/KE fl-opinjoni tiegħu dwar il-kunċett tal-interessi leġittimi tal-kontrollur tad-data.<sup>7</sup> Ġeneralment, dik il-gwida tibqa' rilevanti għall-Artikolu 6(1)(b) u l-GDPR.

## 1.2 Kamp ta' applikazzjoni ta' dawn il-linji gwida

7. Dawn il-linji gwida jikkonċernaw l-applikabbiltà tal-Artikolu 6(1)(b) għall-ipproċessar tad-data personali fil-kuntest ta' kuntratti għal servizzi online, irrispettivament minn kif jiġu ffinanzjati s-servizzi. Il-linji gwida se jiddeskrivu fil-qosor l-elementi ta' pproċessar legali skont l-Artikolu 6(1)(b) GDPR u jqisu l-kunċett ta' "neċessità" kif japplika għal "meħtieġ għat-twettiq ta' kuntratt".
8. Ir-regoli dwar il-protezzjoni tad-data jirregolaw aspetti importanti ta' kif is-servizzi online jinteraġixxu mal-utenti tagħhom, madankollu, japplikaw regoli oħra wkoll. Ir-regolazzjoni tas-servizzi online tinvolvi responsabbiltajiet funzjonali inkroċjati, fost affarijiet oħra fl-oqsma tal-liġi dwar il-protezzjoni tal-konsumatur u d-dritt tal-kompetizzjoni. Il-kunsiderazzjonijiet li jirrigwardaw dawn l-oqsma tad-dritt imorru lil hinn mill-kamp ta' applikazzjoni ta' dawn il-linji gwida.
9. Għalkemm l-Artikolu 6(1)(b) jista' jiġi applikat biss f'kuntest kuntrattwali, dawn il-linji gwida ġeneralment ma jesprimux fehma dwar il-validità ta' kuntratti għal servizzi online, billi dan jaqta' barra mill-kompetenza tal-EDPB. Minkejja dan, il-kuntratti u l-klawżoli tal-kuntratt iridu jikkonformaw mar-rekwiżiti tal-dritt kuntrattwali u, skont il-każ għal kuntratti mal-konsumaturi, mal-liġijiet tal-protezzjoni tal-konsumatur sabiex l-ipproċessar ibbażat fuq dawk it-termini jitqies bħala ġust u legali.
10. Hawn taħt huma inklużi xi osservazzjonijiet ġenerali dwar il-prinċipji tal-protezzjoni tad-data, iżda mhux se jkun hemm elaborazzjoni dwar il-kwistjonijiet kollha relatati mal-protezzjoni tad-data li jistgħu jfeġġu waqt l-ipproċessar skont l-Artikolu 6(1)(b). Il-kontrolluri dejjem iridu jiżguraw li huma jikkonformaw mal-prinċipji tal-protezzjoni tad-data stipulati fl-Artikolu 5, kif ukoll mar-rekwiżiti l-oħra kollha tal-GDPR u, fejn applikabbli, mal-leġiżlazzjoni dwar il-privatezza diġitali.

<sup>5</sup> F'dan ir-rigward, il-kontrolluri jridu jissodisfaw l-obbligi ta' trasparenza stipulati fil-GDPR.

<sup>6</sup> Stabbilit skont l-Artikolu 68 GDPR.

<sup>7</sup> L-Opinjoni 6/2014 tal-Grupp ta' Ħidma tal-Artikolu 29 dwar il-kunċett ta' interessi leġittimi tal-kontrollur tad-data skont l-Artikolu 7 tad-Direttiva 95/46/KE (WP217). Ara, b'mod partikolari, il-paġni 11, 16, 17, 18 u 55.

## 2 PARTI 2 - ANALIŻI TAL-ARTIKOLU 6(1)(B)

### 2.1 Osservazzjonijiet ġenerali

11. Il-bażi ġuridika għall-ipproċessar abbażi tal-Artikolu 6(1)(b) trid titqies fil-kuntest tal-GDPR sħiħ, tal-oġġettivi stipulati fl-Artikolu 1, u flimkien mad-dmir tal-kontrolluri li jipproċessaw id-data personali f'konformità mal-prinċipji tal-protezzjoni tad-data skont l-Artikolu 5. Dan jinkludi l-ipproċessar tad-data personali b'mod ġust u trasparenti, u f'konformità mal-obbligi tal-limitazzjoni tal-iskop u tal-minimizzazzjoni tad-data.
12. L-Artikolu 5(1)(a) GDPR jipprovdli li d-data personali trid tiġi pproċessata legalment, b'mod ġust u trasparenti fir-rigward tas-suġġett tad-data. Il-prinċipju tal-ġustizzja jinkludi, fost affarijiet oħra, ir-rikonoxximent tal-aspettattivi raġonevoli<sup>8</sup> tas-suġġetti tad-data, kunsiderazzjoni tal-konsegwenzi avversi possibbli għalihom li jistgħu jiġu kkawżati mill-ipproċessar, u kunsiderazzjoni tar-relazzjoni u l-effetti potenzjali tal-iżbilanċ bejnhom u l-kontrollur.
13. Kif imsemmi, bħala kwistjoni ta' legalità, il-kuntratti għal servizzi online iridu jkunu validi skont id-dritt kuntrattwali applikabbli. Eżempju ta' fattur rilevanti huwa jekk is-suġġett tad-data jkunx minorenni. F'każ bħal dan (u minbarra l-konformità mar-rekwiżiti tal-GDPR, inklużi l-"protezzjonijiet speċifiċi" li japplikaw għat-tfal),<sup>9</sup> il-kontrollur irid jiżgura li huwa jikkonforma mal-liġijiet nazzjonali rilevanti dwar il-kapaċità tat-tfal li jidħlu f'kuntratti. Barra minn hekk, biex jiżgura konformità mal-prinċipji tal-ġustizzja u l-legalità, il-kontrollur irid jissodisfa rekwiżiti legali oħra. Pereżempju, għal kuntratti konklużi minn konsumaturi, tista' tkun applikabbli d-Direttiva 93/13/KEE dwar klawżoli inġusti f'kuntratti mal-konsumatur (id-"Direttiva dwar Klawżoli Kuntrattwali Inġusti").<sup>10</sup> L-Artikolu 6(1)(b) mhuwiex limitat għal kuntratti rregolati mil-liġi ta' Stat Membru taż-ŻEE.<sup>11</sup>
14. L-Artikolu 5(1)(b) tal-GDPR jipprevedi l-prinċipju tal-limitazzjoni tal-iskop, li jeħtieġ li d-data personali tinġabar għal finijiet speċifikati, espliċiti u leġittimi, u li ma tiġix ipproċessata ulterjorment b'mod li jkun inkompatibbli ma' dawk il-finijiet.
15. L-Artikolu 5(1)(c) jipprevedi l-minimizzazzjoni tad-data bħala prinċipju, jiġifieri l-ipproċessar ta' ftit kemm jista' jkun data sabiex jinkiseb l-għan. Din il-valutazzjoni tikkomplementa l-valutazzjonijiet ta' neċessità skont l-Artikolu 6(1)(b) sa (f).
16. Kemm il-prinċipju tal-limitazzjoni tal-iskop kif ukoll dak tal-minimizzazzjoni tad-data huma partikolarment rilevanti f'kuntratti għal servizzi online, li tipikament ma jiġux innegożjati fuq bażi individwali. L-avvanzi teknoloġiċi jagħmluha possibbli li l-kontrolluri jiġbru u jipproċessaw, aktar faċilment, aktar data personali minn qatt qabel. B'riżultat ta' dan, hemm riskju akut li l-kontrolluri tad-

<sup>8</sup> Xi data personali hija mistennija tkun privata jew ipproċessata biss b'ċerti modi, u l-ipproċessar tad-data ma għandux ikun ta' sorpriża għas-suġġett tad-data. Fil-GDPR, il-kunċett ta' "aspettattivi raġonevoli" jissema speċifikament fil-Premessi 47 u 50 b' relazzjoni mal-Artikolu 6(1)(f) u (4).

<sup>9</sup> Ara l-Premessa 38, li tirreferi għal tfal li jistħoqqilhom protezzjoni speċifika fir-rigward tad-data personali tagħhom billi jistgħu jkunu inqas konxji mir-riskji, il-konsegwenzi u s-salvagwardji kkonċernati, kif ukoll mid-drittijiet tagħhom relatati mal-ipproċessar tad-data personali.

<sup>10</sup> Klawżola tal-kuntratt li ma tkunx għet innegożjata individwalment mhijiex ġusta skont id-Direttiva dwar il-Klawżoli Kuntrattwali Inġusti "jekk, għall-kuntrarju tar-rekwiżit tal-bona fide, tikkawża żbilanċ sinifikanti fid-drittijiet u fl-obbligi tal-partijiet li jirriżulta mill-kuntratt, għad-detriment tal-konsumatur". Bħall-obbligu ta' trasparenza fil-GDPR, id-Direttiva dwar Klawżoli Kuntrattwali Inġusti tirrikjedi lingwaġġ sempliċi u li jinftiehem. L-ipproċessar tad-data personali li jkun ibbażat fuq dik li titqies bħala klawżola inġusta, skont id-Direttiva dwar Klawżoli Kuntrattwali Inġusti, ġeneralment ma jkunx konsistenti mar-rekwiżit skont l-Artikolu 5(1)(a) GDPR li l-ipproċessar ikun legali u ġust.

<sup>11</sup> Il-GDPR japplika għal ċerti kontrolluri barra miż-ŻEE, ara l-Artikolu 3 GDPR.

data jistgħu jfittxu li jinkludu klawżoli ġenerali tal-ipproċessar fil-kuntratti sabiex jimmassimizzaw il-ġbir u l-użu possibbli tad-data, mingħajr ma jispeċifikaw il-finijiet b'mod adegwat jew iqisu l-obbligi tal-minimizzazzjoni tad-data. Preċedentement, id-WP29 iddikjara:

*L-għan tal-ġbir irid jiġi identifikat b'mod ċar u speċifikat: huwa jrid ikun dettaljat biżżejjed biex jiddetermina liem tip ta' pproċessar huwa u mhuwiex inkluż fl-għan speċifikat, u biex jippermetti l-valutazzjoni tal-konformità mal-liġi u l-applikazzjoni ta' salvagwardji għall-protezzjoni tad-data. Għal dawn ir-raġunijiet, għan li jkun vag jew ġenerali, bħal pereżempju "titjib tal-esperjenza tal-utenti", "finijiet ta' kummerċjalizzazzjoni", "finijiet ta' sigurtà tal-IT" jew "riċerka fil-futur" - mingħajr aktar dettall - ġeneralment ma jissodisfax il-kriterji tal-"ispeċifità".<sup>12</sup>*

## 2.2 Interazzjoni tal-Artikolu 6(1)(b) ma' bażijiet ġuridiċi oħra għall-ipproċessar

17. Fejn l-ipproċessar ma jitqiesx bħala "neċessarju għall-eżekuzzjoni ta' kuntratt", jiġifieri meta servizz mitlub jista' jiġi pprovdut mingħajr ma jseħħ l-ipproċessar speċifiku, l-EDPB jirrikonoxxi li tista' tkun applikabbli bażi ġuridika oħra, sakemm jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet rilevanti. B'mod partikolari, f'xi ċirkustanzi jista' jkun aktar xieraq li wieħed joqgħod fuq il-kunsens mogħti liberament skont l-Artikolu 6(1)(a). F'istanzi oħra, l-Artikolu 6(1)(f) jista' jipprovdi bażi ġuridika aktar xierqa għall-ipproċessar. Il-bażi ġuridika trid tiġi identifikata fil-bidu tal-ipproċessar, u l-informazzjoni mogħtija lis-suġġetti tad-data f'konformità mal-Artikoli 13 u 14 trid tispeċifika l-bażi ġuridika.
18. Huwa possibbli li bażi ġuridika oħra li mhijiex l-Artikolu 6(1)(b) tista' tissodisfa aħjar l-oġġettiv u l-kuntest tal-operazzjoni ta' pproċessar inkwistjoni. L-identifikazzjoni tal-bażi ġuridika xierqa hija marbuta mal-prinċipji tal-ġustizzja u tal-limitazzjoni tal-iskop.<sup>13</sup>
19. Il-linji gwida tad-WP29 dwar il-kunsens jiċċaraw ukoll li fejn "kontrollur ifittex li jipproċessa data personali li fil-fatt tkun meħtieġa għall-eżekuzzjoni ta' kuntratt, allura l-kunsens mhuwiex il-bażi ġuridika xierqa". Għall-kuntrarju ta' dan, l-EDPB jqis li fejn l-ipproċessar fil-fatt ma jkunx meħtieġ għall-eżekuzzjoni ta' kuntratt, dan l-ipproċessar jista' jsir biss jekk joqgħod fuq bażi ġuridika xierqa oħra.<sup>14</sup>
20. F'konformità mal-obbligi ta' trasparenza tagħhom, il-kontrolluri għandhom jiżguraw li jevitaw kwalunkwe konfużjoni dwar liema hija l-bażi ġuridika applikabbli. Dan huwa partikolarment rilevanti fejn il-bażi ġuridika xierqa tkun l-Artikolu 6(1)(b) u s-suġġetti tad-data jidħlu f'kuntratt rigward servizzi online. Skont iċ-ċirkustanzi, is-suġġetti tad-data jistgħu jieħdu impressjoni żbaljata li jkunu qed jagħtu l-kunsens tagħhom f'konformità mal-Artikolu 6(1)(a) meta jiffirmaw kuntratt jew meta jaċċettaw il-klawżoli ta' servizz. Fl-istess ħin, kontrollur jista' jassumi, bi żball, li l-firma ta' kuntratt tikkorrispondi għal kunsens fis-sens tal-Artikolu 6(1)(a). Dawn huma kunċetti kompletament differenti. Huwa importanti li ssir distinzjoni bejn l-aċċettazzjoni tal-klawżoli ta' servizz biex jiġi konkluż kuntratt u l-għoti tal-kunsens skont it-tifsira tal-Artikolu 6(1)(a), billi dawn il-kunċetti għandhom rekwiżiti u konsegwenzi legali differenti.

<sup>12</sup> L-Opinjoni 3/2013 tal-Grupp ta' Ħidma tal-Artikolu 29 dwar il-limitazzjoni tal-iskop (WP203), il-paġni 15–16.

<sup>13</sup> Meta l-kontrolluri jippruvaw isibu l-bażi ġuridika xierqa f'konformità mal-prinċipju tal-ġustizzja, dan ma jkunx jista' jinkiseb faċilment jekk l-ewwel ma jkunux identifikaw b'mod ċar il-finijiet tal-ipproċessar, jew jekk l-ipproċessar tad-data personali jmur lil hinn minn dak li huwa meħtieġ għall-finijiet speċifikati.

<sup>14</sup> Għal aktar informazzjoni dwar l-implikazzjonijiet relatati mal-Artikolu 9, ara l-Linji Gwida tal-Grupp ta' Ħidma tal-Artikolu 29 dwar il-kunsens skont ir-Regolament 2016/679 (WP259), approvati mill-EDPB, il-paġni 19–20.

21. B' relazzjoni mal-ipproċessar ta' kategoriji speċjali ta' data personali, fil-linji gwida dwar il-kunsens, id-WP29 osserva wkoll li:

*L-Artikolu 9(2) ma jirrikonoxxix "meħtieġ għat-twettiq ta' kuntratt" bħala eċċezzjoni għall-projbizzjoni ġenerali tal-ipproċessar ta' kategoriji speċjali ta' data. Għalhekk, il-kontrolluri u l-Istati Membri li jiffaċċjaw din is-sitwazzjoni għandhom jesploraw l-eżenzjonijiet speċifiċi fl-Artikolu 9(2), is-subparagrafi (b) sa (j). Jekk ma tkun tapplika l-ebda waħda mill-eċċezzjonijiet (b) sa (j), il-ksib tal-kunsens espliċitu f'konformità mal-kundizzjonijiet għall-kunsens validu fil-GDPR tibqa' l-unika eċċezzjoni legali possibbli għall-ipproċessar ta' din id-data.<sup>15</sup>*

### 2.3 Kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 6(1)(b)

22. L-Artikolu 6(1)(b) japplika fejn tiġi ssodisfata kwalunkwe waħda minn żewġ kundizzjonijiet: l-ipproċessar inkwistjoni jrid ikun oġġettivament meħtieġ għall-eżekuzzjoni ta' kuntratt ma' suġġett tad-data, jew l-ipproċessar irid ikun oġġettivament meħtieġ sabiex jittieħdu l-passi prekuntrattwali fuq talba ta' suġġett tad-data.

### 2.4 Neċessità

23. In-neċessità tal-ipproċessar hija prerekwiżit għaż-żewġ partijiet tal-Artikolu 6(1)(b). Mill-bidu nett, huwa importanti li jiġi osservat li l-kunċett ta' x'inhu "meħtieġ għall-eżekuzzjoni ta' kuntratt" mhuwiex sempliċiment valutazzjoni ta' x'inhu permess jew miktub fil-klawżoli ta' kuntratt. Il-kunċett tan-neċessità għandu tifsira indipendenti fid-dritt tal-Unjoni Ewropea, li trid tirrifletti l-oġġettivi tal-liġi dwar il-protezzjoni tad-data<sup>16</sup>. Għalhekk, dan jinvolti wkoll kunsiderazzjoni tad-dritt fundamentali għall-privatezza u għall-protezzjoni tad-data personali<sup>17</sup>, kif ukoll ir-rekwiżiti tal-prinċipji tal-protezzjoni tad-data inkluż, notevolment, il-prinċipju tal-ġustizzja.
24. Il-punt tat-tluq huwa l-identifikazzjoni tal-għan għall-ipproċessar, u fil-kuntest ta' relazzjoni kuntrattwali, jista' jkun hemm varjetà ta' għanijiet għall-ipproċessar. Dawk il-finijiet iridu jiġu speċifikati u kkomunikati lis-suġġett tad-data, f'konformità mal-obbligi tal-limitazzjoni tal-iskop u tat-trasparenza tal-kontrollur.
25. Valutazzjoni ta' x'inhu "meħtieġ" tinvolvi valutazzjoni tal-ipproċessar ikkombinata u bbażata fuq il-fatti "għall-oġġettiv fil-mira, kif ukoll ta' jekk ikunx inqas intrużiv bi tqabbil ma' possibbiltajiet oħra għall-ilħuq tal-istess għan".<sup>18</sup> Jekk ikun hemm alternattivi realistiċi u inqas intrużivi, l-ipproċessar ma jkunx "meħtieġ".<sup>19</sup> L-Artikolu 6(1)(b) mhuwiex se jkopri pproċessar li huwa utli iżda li mhuwiex

<sup>15</sup> Il-linji gwida tal-Grupp ta' Ħidma tal-Artikolu 29 dwar il-kunsens skont ir-Regolament 2016/679 (WP259), approvati mill-EDPB, il-paġna 19.

<sup>16</sup> Il-QĠUE ddikjarat, f'*Huber*, li "l-kwistjoni hija kunċett [neċessità] li għandu t-tifsira indipendenti tiegħu fid-dritt Komunitarju u li jrid jiġi interpretat b'mod li jirrifletti bis-sħiħ l-oġġettiv ta' dik id-Direttiva, [Direttiva 95/46], kif stabbilit fl-Artikolu 1(1) tagħha". QĠUE, il-Kawża C-524/06, *Heinz Huber vs Bundesrepublik Deutschland*, it-18 ta' Diċembru 2008, il-paragrafu 52.

<sup>17</sup> Ara l-Artikoli 7 u 8 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea

<sup>18</sup> Ara s-Sett ta' Għodod tal-EDPS: Valutazzjoni tan-Neċessità ta' Miżuri li jillimitaw id-dritt fundamentali għall-protezzjoni ta' data personali, il-paġna 5.

<sup>19</sup> F'*Schecke*, il-QĠUE ddeċidiet li, meta tiġi eżaminata n-neċessità tal-ipproċessar tad-data personali, il-leġislatura kienet teħtieġ li tiegħu inkunsiderazzjoni miżuri alternattivi u inqas intrużivi. Il-QĠUE, Kawżi Magħquda C-92/09 u C-93/09, *Volker und Markus Schecke GbR and Hartmut Eifert vs Land Hessen*, 9. Novembru 2010. Dan ġie ripetut mill-QĠUE fil-kawża *Rīgas*, fejn hija ddeċidiet li "fir-rigward tal-kundizzjoni dwar il-ħtieġa tal-ipproċessar tad-data, għandu jinfakkar li d-derogi u r-restrizzjonijiet għall-prinċipju ta' protezzjoni tad-data personali għandhom joperaw fil-limiti ta' dak li huwa strettament



oġġettivament meħtieġ għat-twettiq tas-servizz kuntrattwali jew biex jittieħdu passi kuntrattwali rilevanti fuq talba tas-suġġett tad-data, anke jekk ikun neċessarju għall-finijiet kummerċjali l-oħra tal-kontrollur.

## 2.5 Neċessarju għall-eżekuzzjoni ta' kuntratt mas-suġġett tad-data

26. Kontrollur jista' joqgħod fuq l-ewwel possibbiltà tal-Artikolu 6(1)(b) biex jipproċessa d-data personali meta, f'konformità mal-obbligi tal-akkontabbiltà tiegħu skont l-Artikolu 5(2), ikun jista' jistabbilixxi kemm li l-ipproċessar iseħħ fil-kuntest ta' kuntratt validu mas-suġġett tad-data u li l-ipproċessar huwa meħtieġ sabiex dak il-kuntratt *partikolari* mas-suġġett tad-data jkun jista' esegwit. Fejn il-kontrolluri ma jkunux jistgħu juru li (a) jeżisti kuntratt, (b) il-kuntratt huwa validu skont id-dritt kuntrattwali nazzjonali applikabbli, u (c) li l-ipproċessar ikun oġġettivament meħtieġ għall-eżekuzzjoni tal-kuntratt, il-kontrollur għandu jqis bażi ġuridika oħra għall-ipproċessar.
27. Referenza sempliċi għall-ipproċessar tad-data f'kuntratt mhuwiex biżżejjed biex l-ipproċessar inkwistjoni jaqa' taħt il-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 6(1)(b). Min-naħa l-oħra, l-ipproċessar jista' jkun oġġettivament meħtieġ anke jekk ma jissemmiex speċifikament fil-kuntratt. F'kull każ, il-kontrollur irid jissodisfa l-obbligi ta' trasparenza tiegħu. Fejn kontrollur ifittex li jistabbilixxi li l-ipproċessar ikun ibbażat fuq l-eżekuzzjoni ta' kuntratt mas-suġġett tad-data, huwa importanti li jiġi vvalutat x'inhu *oġġettivament meħtieġ* għall-eżekuzzjoni tal-kuntratt. Huwa ċar li "meħtieġ għall-eżekuzzjoni" jeħtieġ xi ħaġa aktar minn klawżola kuntrattwali. Dan huwa ċar ukoll fid-dawl tal-Artikolu 7(4). Minkejja li din id-dispożizzjoni tirrigwarda l-validità tal-kunsens biss, hija turi d-distinzjoni bejn attivitajiet ta' pproċessar li huma meħtieġa għall-eżekuzzjoni ta' kuntratt, u *klawżoli* li jaġhmlu s-servizz kundizzjonali fuq ċerti attivitajiet ta' pproċessar li ma jkunux fil-fatt meħtieġa għall-eżekuzzjoni tal-kuntratt.
28. F'dan ir-rigward, l-EDPB japprova l-gwida adottata preċedentement mid-WP29 dwar id-dispożizzjoni ekwivalenti skont id-Direttiva preċedenti li "meħtieġ għall-eżekuzzjoni ta' kuntratt mas-suġġett tad-data":

*... trid tiġi interpretata strettament u ma tkoprix sitwazzjonijiet fejn l-ipproċessar ma jkunx ġenwinament meħtieġ għall-eżekuzzjoni ta' kuntratt, iżda minflok jiġi impost unilaterament fuq is-suġġett tad-data mill-kontrollur. Minbarra dan, il-fatt li xi pproċessar ikun kopert minn kuntratt ma jfissirx awtomatikament li l-ipproċessar huwa meħtieġ għall-eżekuzzjoni tiegħu. [...] Anke jekk dawn l-attivitajiet ta' pproċessar jissemmew speċifikament fit-tipa żgħira tal-kuntratt, dan il-fatt waħdu ma jaġhmlhomx "meħtieġa" għall-eżekuzzjoni tal-kuntratt.<sup>20</sup>*

29. L-EDPB jfakkar ukoll l-istess gwida tad-WP29 li tiddikjara:

*Hawnhekk hawn konnessjoni ċara bejn il-valutazzjoni tan-neċessità u l-konformità mal-prinċipju tal-limitazzjoni tal-iskop. Huwa importanti li jiġi ddeterminat ir-raġunament preċiż tal-kuntratt, jiġifieri s-sustanza u l-oġġettiv fundamentali tiegħu, billi huwa bi tqabbil ma' dan*

---

meħtieġ". Il-QĠUE, il-Kawża C-13/16, *Valsts policijas Rīgas reģiona pārvaldes Kārtības policijas pārvalde vs Rīgas pašvaldības SIA 'Rīgas satiksme'*, il-paragrafu 30. Huwa meħtieġ test strett neċessarju għal kwalunkwe limitazzjoni fuq l-eżerċizzju tad-drittijiet għall-privatezza u għall-protezzjoni tad-data personali fir-rigward tal-ipproċessar tad-data personali, ara s-Sett ta' Għodod tal-EDPS: Valutazzjoni tan-Neċessità ta' Miżuri li jillimitaw id-dritt fundamentali għall-protezzjoni ta' data personali, il-paġna 7.

<sup>20</sup> L-Opinjoni 6/2014 tal-Grupp ta' Ħidma tal-Artikolu 29 dwar il-kunċett ta' interessi leġittimi tal-kontrollur tad-data skont l-Artikolu 7 tad-Direttiva 95/46/KE (WP217), il-paġna 16–17.

*ir-raġunament li jiġi ttestjat jekk l-ipproċessar tad-data huwiex meħtieġ għall-eżekuzzjoni tiegħu.*<sup>21</sup>

30. Meta jiġi vvalutat jekk l-Artikolu 6(1)(b) huwiex bażi ġuridika xierqa għall-ipproċessar fil-kuntest ta' servizz kuntrattwali online, għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni l-għan, l-iskop jew l-oġġettiv partikolari tas-servizz. Għall-applikabbiltà tal-Artikolu 6(1)(b), huwa meħtieġ li l-ipproċessar ikun *oġġettivament meħtieġ* għal għan li jkun integrali biex jitwassal dak is-servizz kuntrattwali lis-suġġett tad-data. Mhuwiex eskluż l-ipproċessar tad-dettalji tal-pagament għall-finijiet tad-debitar għas-servizz. Il-kontrollur għandu jkun kapaċi juri kif, fil-fatt, is-suġġett prinċipali tal-*kuntratt speċifiku mas-suġġett tad-data* ma jistax jitwettagħ jekk ma jsirx l-ipproċessar speċifiku tad-*data personali inkwistjoni*. Il-kwistjoni importanti hawnhekk hija r-rabta bejn id-data personali u l-operazzjonijiet ta' pproċessar ikkonċernati, kif ukoll it-twerttiq jew le tas-servizz ipprovdut skont il-kuntratt.
31. Il-kuntratti għal servizzi diġitali jistgħu jinkorporaw klawżoli espressi li jimponu kundizzjonijiet addizzjonali dwar ir-reklamar, il-pagamenti jew il-cookies, fost affarijiet oħrajn. Kuntratt ma jistax jespandi b'mod artifiċjali l-kategoriji ta' data personali jew it-tipi ta' operazzjoni ta' pproċessar li l-kontrollur ikun irid iwettaq għall-eżekuzzjoni tal-kuntratt skont it-tifsira tal-Artikolu 6(1)(b).
32. Il-kontrollur għandu jkun jista' jiġġustifika n-neċessità tal-ipproċessar tiegħu b'referenza għall-għan kuntrattwali fundamentali u mifhum reċiprokament. Dan jiddependi mhux biss fuq il-perspettiva tal-kontrollur, iżda wkoll fuq il-perspettiva raġonevoli tas-suġġett tad-data meta jidħol fil-kuntratt, u jekk il-kuntratt ikunx għadu jista' jitqies bħala "esegwit" mingħajr l-ipproċessar inkwistjoni. Għalkemm il-kontrollur jista' jqis li l-ipproċessar huwa meħtieġ għall-għan kuntrattwali, huwa importanti li huwa jeżamina bir-reqqa l-perspettiva ta' suġġett tad-data medju sabiex jiżgura li jkun hemm fehim reċiproku ġenwin dwar l-għan kuntrattwali.
33. Sabiex titwettagħ il-valutazzjoni ta' jekk ikunx applikabbli l-Artikolu 6(1)(b), jistgħu jkunu ta' gwida l-mistoqsijiet li ġejjin:
  - J X'inhi n-natura tas-servizz ipprovdut lis-suġġett tad-data? X'inhuma l-karatteristiċi li jiddistingwuh?
  - J X'inhu r-raġunament preċiż tal-kuntratt (jiġifieri s-sustanza u l-oġġettiv fundamentali tiegħu)?
  - J X'inhuma l-elementi essenzjali tal-kuntratt?
  - J X'inhuma l-perspettivi u l-aspettattivi reċiproċi tal-partijiet fil-kuntratt? Is-servizz kif inhu promoss jew irreklamat lis-suġġett tad-data? Meta titqies in-natura tas-servizz, utent ordinarju tas-servizz kieku jstenna b'mod raġonevoli li l-ipproċessar previst iseħħ sabiex jiġi esegwit il-kuntratt li huwa jkun firmatarju tiegħu?
34. Jekk il-valutazzjoni ta' x'inhu "meħtieġ għall-eżekuzzjoni ta' kuntratt", li trid titwettagħ qabel il-bidu tal-ipproċessar, turi li l-ipproċessar intenzjonat imur lil hinn ta' dak li huwa oġġettivament meħtieġ għall-eżekuzzjoni ta' kuntratt, dan ma jagħmilx dan l-ipproċessar fil-futur illegali minnu nnifsu. Kif diġà ssemma, l-Artikolu 6 jagħmilha ċara li bażijiet ġuridiċi oħra huma potenzjalment disponibbli qabel il-bidu tal-ipproċessar.<sup>22</sup>

<sup>21</sup> Ibid., paġna 17.

<sup>22</sup> Ara l-Linji Gwida tal-Grupp ta' Ħidma tal-Artikolu 29 dwar il-kunsens skont ir-Regolament 2016/679 (WP259), approvati mill-EDPB, il-paġna 31, li fih jiġi ddikjarat li: "Skont il-GDPR, mhuwiex possibbli li wieħed jaqleb minn bażi ġuridika għal oħra."

35. Jekk, matul il-ħajja ta' servizz, tiġi introdotta teknoloġija ġdida li tibdel kif tiġi pproċessata d-data personali, jew is-servizz jevolvi b'xi mod ieħor, il-kriterji ta' hawn fuq iridu jerġgħu jiġu vvalutati biex jiġi ddeterminat jekk xi operazzjonijiet ta' proċessar ġodda jew mibdula jistgħux ikunu bbażati fuq l-Artikolu 6(1)(b).

#### Eżempju 1

Suġġett tad-data jixtri xi oġġetti mingħand bejjieġh bl-imnut online. Is-suġġett tad-data jrid iħallas bil-karta tal-kreditu u jrid li l-prodotti jiġu kkonsenjati fl-indirizz domiċiljari tiegħu. Sabiex jissodisfa l-kuntratt, il-bejjieġh bl-imnut irid jipproċessa l-informazzjoni tal-karta tal-kreditu u l-indirizz tal-fatturazzjoni tas-suġġett tad-data għal finijiet ta' pagament, u l-indirizz domiċiljari tas-suġġett tad-data għall-konsenja. Għalhekk, l-Artikolu 6(1)(b) huwa applikabbli bħala bażi ġuridika għal dawn l-attivitajiet ta' pproċessar.

Madankollu, jekk il-klijent ikun għażel konsenja lejn punt ta' ġbir, l-ipproċessar tal-indirizz domiċiljari tas-suġġett tad-data ma jibqax meħtieġ għall-eżekuzzjoni tal-kuntratt ta' xiri. Kwalunkwe pproċessar tal-indirizz tas-suġġett tad-data f'dan il-kuntest ikun jeħtieġ bażi ġuridika differenti mill-Artikolu 6(1)(b).

#### Eżempju 2

L-istess bejjieġh bl-imnut online jixtieq ifassal profili tal-preferenzi u tal-istil ta' ħajja tal-utent, abbażi taż-żjarat tiegħu fuq is-sit web. L-ikkompletar tal-kuntratt ta' xiri ma jiddependix fuq it-tfassil ta' dawn il-profili. Anke jekk it-tfassil ta' profili jissemma speċifikament fil-kuntratt, dan il-fatt waħdu ma jagħmlux "meħtieġ" għall-eżekuzzjoni tal-kuntratt. Jekk il-bejjieġh bl-imnut online jixtieq iwettaq dan it-tfassil ta' profili, huwa jrid joqgħod fuq bażi ġuridika differenti.

36. Fil-limiti tad-dritt kuntrattwali, u jekk applikabbli, id-dritt tal-konsumatur, il-kontrolluri jistgħu jfasslu n-negozju, is-servizzi u l-kuntratti tagħhom liberament. F'xi każijiet, kontrollur jista' jkun jixtieq jiġbor flimkien f'kuntratt wieħed bosta servizzi jew elementi separati ta' servizz b'finijiet fundamentali, karatteristiċi jew raġunament differenti. Dan jista' joħloq sitwazzjoni ta' "jew hekk jew xejn" għas-suġġetti tad-data, li jistgħu jkunu interessati f'wieħed mis-servizzi biss.
37. Bħala kwistjoni tad-dritt tal-protezzjoni tad-data, il-kontrolluri jridu jieħdu inkunsiderazzjoni li l-attivitajiet ta' pproċessar previsti jrid ikollhom bażi ġuridika xierqa. Fejn il-kuntratt jikkonsisti minn bosta servizzi separati jew elementi ta' servizz li jistgħu, fil-fatt, jitwettqu b'mod raġonevoli indipendentement minn xulxin, tfeġġ il-mistoqsija ta' sa fejn l-Artikolu 6(1)(b) jista' jservi ta' bażi ġuridika. L-applikabbiltà tal-Artikolu 6(1)(b) għandha tiġi vvalutata fil-kuntest ta' kull wieħed minn dawk is-servizzi *separatament*, fejn jitqies x'inhu oġġettivament meħtieġ għat-twettiq ta' kull wieħed mis-servizzi individwali li s-suġġett tad-data jkun talab jew irreġistra lilu nnifsu għalihom b'mod attiv. Din il-valutazzjoni tista' tiżvela li ċerti attivitajiet ta' pproċessar mhumiex meħtieġa għas-servizzi individwali mitluba mis-suġġett tad-data, iżda minflok huma meħtieġa għall-mudell kummerċjali usa' tal-kontrollur. F'dak il-każ, l-Artikolu 6(1)(b) ma jkunx bażi ġuridika għal dawk l-attivitajiet. Madankollu, bażijiet ġuridiċi oħra jistgħu jkunu disponibbli għal dak l-ipproċessar, bħall-Artikolu 6(1)(a) jew (f), sakemm jiġu ssodisfati l-kriterji rilevanti. Għalhekk, il-valutazzjoni tal-applikabbiltà tal-Artikolu 6(1)(b) ma taffettwax il-legalità tal-kuntratt jew ir-raggruppament tas-servizzi.

38. Kif diġà osserva d-WP29, il-bażi ġuridika tapplika biss għal dak li huwa meħtieġ għall-eżekuzzjoni ta' kuntratt.<sup>23</sup> Għalhekk, hija ma tapplikax awtomatikament għall-azzjonijiet ulterjuri kollha kkawżati min-nuqqas ta' konformità jew għall-inċidenti l-oħra kollha fl-eżekuzzjoni ta' kuntratt. Madankollu, ċerti azzjonijiet jistgħu jiġu previsti b'mod raġonevoli u huma neċessarji f'relazzjoni kuntrattwali normali, bħal meta jintbagħtu noti formali ta' tfakkir dwar pagamenti pendenti, jew il-korrezzjoni ta' żbalji, jew dewmien fl-eżekuzzjoni tal-kuntratt. L-Artikolu 6(1)(b) jista' jkopri l-ipproċessar tad-data personali li tkun meħtieġa b'relazzjoni ma' dawn l-azzjonijiet.

### Eżempju 3

Kumpanija tbigħ xi prodotti online. Klijent jikkuntattja lill-kumpanija minħabba li l-kulur tal-prodott mixtri huwa differenti minn dak li ntlafha qbil dwaru. L-ipproċessar tad-data personali tal-konsumatur għall-finijiet tar-rettifika ta' din il-kwistjoni jista' jkun ibbażat fuq l-Artikolu 6(1)(b).

39. Garanzija kuntrattwali tista' tkun parti mill-eżekuzzjoni ta' kuntratt, u għalhekk il-ħżin ta' ċerta data għal perjodu ta' żmien ta' żamma speċifikat wara li jkun ġie ffinalizzat l-iskambju tal-oġġetti/is-servizzi/il-pagament għall-finijiet tal-garanzija jista' jkun meħtieġ għall-eżekuzzjoni tal-kuntratt.

## 2.6 Terminazzjoni tal-kuntratt

40. Kontrollur irid jidentifika l-bażi ġuridika xierqa għall-operazzjonijiet ta' pproċessar previsti qabel ma jibda l-ipproċessar. Fejn l-Artikolu 6(1)(b) ikun il-bażi għal xi attivitajiet ta' pproċessar jew għalihom kollha, il-kontrollur għandu jantiċipa x'jiġri jekk jintemm dak il-kuntratt.<sup>24</sup>
41. Fejn l-ipproċessar tad-data personali jkun ibbażat fuq l-Artikolu 6(1)(b) u l-kuntratt jiġi tterminat kompletament, allura bħala regola ġenerali, l-ipproċessar ta' dik id-data ma jibqax meħtieġ għall-eżekuzzjoni ta' dak il-kuntratt u għalhekk il-kontrollur ikollu jieqaf jipproċessa. Is-suġġett tad-data jista' jkun ipprovdha d-data personali tiegħu fil-kuntest ta' relazzjoni kuntrattwali, filwaqt li jafda li d-data se tiġi pproċessata biss bħala parti meħtieġa minn dik ir-relazzjoni. Għalhekk, huwa ġeneralment inġust li jsir trasferiment lejn bażi ġuridika ġdida meta ma tkomplix teżisti l-bażi ġuridika oriġinali.
42. Meta jiġi tterminat kuntratt, dan jista' jinvolvi xi amministrazzjoni, bħar-ritorn ta' oġġetti jew pagament. L-ipproċessar assoċjat jista' jkun ibbażat fuq l-Artikolu 6(1)(b).
43. L-Artikolu 17(1)(a) jipprovdi li d-data personali għandha titfassar meta ma tibqax meħtieġa b'relazzjoni mal-finijiet li tkun inġabret għalihom. Minkejja dan, dan ma japplikax jekk l-ipproċessar ikun meħtieġ għal ċerti finijiet speċifiċi, inkluża l-konformità ma' obbligu legali skont l-Artikolu 17(3)(b), jew l-istabbiliment, l-eżerċizzju jew id-difiża ta' pretensjonijiet legali, skont l-Artikolu 17(3)(e). Fil-prattika, jekk il-kontrolluri jħossu ħtieġa ġenerali li jżommu reġistri għal finijiet legali, huma jridu jidentifikaw bażi ġuridika għal dan fil-bidu tal-ipproċessar, u jridu jikkomunikaw b'mod ċar mill-bidu nett għal kemm

<sup>23</sup> L-Opinjoni 6/2014 tal-Grupp ta' Ħidma tal-Artikolu 29 dwar il-kunċett ta' interessi leġittimi tal-kontrollur tad-data skont l-Artikolu 7 tad-Direttiva 95/46/KE (WP217), il-paġna 17–18.

<sup>24</sup> Jekk kuntratt jiġi invalidat sussegwentement, dan ikollu impatt fuq il-legalità (kif mifhuma fl-Artikolu 5(1)(a)) tal-ipproċessar li jibqax għaddej. Madankollu, dan ma jimplikax awtomatikament li l-għażla tal-Artikolu 6(1)(b) bħala l-bażi ġuridika kienet skorretta.

żmien ikunu biħsiebhom iżommu r-reġistri għal dawn il-finijiet legali wara t-terminazzjoni ta' kuntratt. Jekk jagħmlu dan, huma ma jkollhomx għalfejn iħassru d-data mat-terminazzjoni tal-kuntratt.

44. Madankollu, jista' jkun li bosta operazzjonijiet ta' proċessar b'għanijiet u bażijiet ġuridiċi separati ġew identifikati fil-bidu tal-ipproċessar. Sakemm daww l-operazzjoni ta' pproċessar l-oħra jibqgħu legali u l-kontrollur ikun ikkomunika b'mod ċar dwar daww l-operazzjonijiet fil-bidu tal-ipproċessar f'konformità mal-obbligi ta' trasparenza tal-GDPR, ikun għadu possibbli li tiġi pproċessata d-data personali dwar is-suġġett tad-data għal daww il-finijiet separati wara t-terminazzjoni tal-kuntratt.

#### Eżempju 4

Servizz online jipprovdi servizz ta' abbonament li jista' jiġi kkanċellat f'kull ħin. Meta jiġi konkluż kuntratt għas-servizz, il-kontrollur jipprovdi informazzjoni lis-suġġett tad-data dwar l-ipproċessar tad-data personali.

Il-kontrollur jispjega, fost affarijiet oħra, li sakemm ikun fis-seħħ il-kuntratt, huwa se jipproċessa data dwar l-użu tas-servizz biex joħroġ fatturi. Il-bażi ġuridika applikabbli hija l-Artikolu 6(1)(b) billi l-ipproċessar għal finijiet ta' fatturazzjoni jista' jitqies bħala oġġettivament meħtieġ għall-eżekuzzjoni tal-kuntratt. Madankollu, meta l-kuntratt jiġi tterminat u bil-preżunzjoni li ma jkunx hemm pretensjonijiet legali rilevanti pendenti jew rekwiżiti legali għaż-żamma tad-data, titħassar l-istorja tal-użu.

Barra minn hekk, il-kontrollur jinforma lis-suġġett tad-data li huwa għandu obbligu legali fid-dritt nazzjonali li jżomm ċerta data personali għall-finijiet tal-kontabbiltà għal għadd speċifikat ta' snin. Il-bażi ġuridika xierqa hija l-Artikolu 6(1)(c), u ż-żamma sseħħ anke jekk jiġi tterminat il-kuntratt.

## 2.7 Neċessarju biex jittieħdu passi qabel id-dħul f'kuntratt

45. It-tieni possibbiltà tal-Artikolu 6(1)(b) tapplika fejn l-ipproċessar ikun meħtieġ sabiex jittieħdu passi fuq talba tas-suġġett tad-data qabel id-dħul f'kuntratt. Din id-dispożizzjoni tirrifletti l-fatt li l-ipproċessar preliminari tad-data personali jista' jkun meħtieġ qabel il-konklużjoni ta' kuntratt, sabiex tiġi ffaċilitata l-konklużjoni effettiva ta' dak il-kuntratt.
46. Fi żmien l-ipproċessar, jista' ma jkunx ċar jekk effettivament ikunx se jiġi konkluż kuntratt. Madankollu, it-tieni possibbiltà tal-Artikolu 6(1)(b) tista' tapplika xorta waħda sakemm is-suġġett tad-data jagħmel it-talba fil-kuntest ta' dħul *potenzjali* f'kuntratt u l-ipproċessar inkwistjoni jkun meħtieġ biex jittieħdu l-passi mitluba. F'konformità ma' dan, fejn suġġett tad-data jikkuntattja lill-kontrollur biex jistaqsi dwar id-dettalji tal-offerta ta' servizzi tal-kontrollur, l-ipproċessar tad-data personali tas-suġġett tad-data biex tintbagħat tweġiba għall-mistoqsija jista' jkun ibbażat fuq l-Artikolu 6(1)(b).
47. F'kull każ, din id-dispożizzjoni ma tkoprix kummerċjalizzazzjoni spontanja jew ipproċessar ieħor li jitwettag biss fuq inizjattiva tal-kontrollur tad-data, jew inkella fuq talba ta' parti terza.

#### Eżempju 5

Suġġett tad-data jipprovdi l-kodiċi postali tiegħu biex jara jekk fornitur ta' servizz partikolari joperax fiż-żona tiegħu. Dan jista' jitqies bħala pproċessar meħtieġ biex jittieħdu passi fuq it-talba tas-suġġett tad-data qabel id-dħul f'kuntratt, skont l-Artikolu 6(1)(b).

#### Eżempju 6

F'xi każijiet, l-istituzzjonijiet finanzjarji jkollhom obbligu li jidentifikaw il-klijenti tagħhom skont id-dritt nazzjonali. F'konformità ma' dan, qabel jiġi konkluż kuntratt mas-suġġetti tad-data, bank jitlob li jara d-dokumenti tal-identità tagħhom.

F'dan il-każ, l-identifikazzjoni hija meħtieġa għal obbligu legali f'isem il-bank, aktar milli biex jittieħdu passi fuq talba tas-suġġett tad-data. Għalhekk, il-bażi ġuridika xierqa mhijiex l-Artikolu 6(1)(b), iżda l-Artikolu 6(1)(c).

### 3 PARTI 3 – APPLIKABBILTÀ TAL-ARTIKOLU 6(1)(B) F'SITWAZZJONIJIET SPEĊIFIĊI

#### 3.1 Ipproċessar għal “titjib fis-servizz”<sup>25</sup>

48. Servizzi online spiss jiġbru informazzjoni dettaljata dwar kif l-utenti jużaw is-servizz tagħhom. Fil-biċċa l-kbira mill-każijiet, il-ġbir ta' metrika organizzazzjonali relatata ma' servizz jew ta' dettalji dwar l-involvement tal-utent ma jistax jitqies bħala meħtieġ għall-forniment tas-servizz, billi s-servizz ikun jista' jitwassal fin-nuqqas tal-iproċessar ta' din id-data personali. Minkejja dan, huwa possibbli li fornitur ta' servizz ikun jista' joqgħod fuq bażijiet ġuridiċi alternattivi għal dan l-iproċessar, bħal interess jew kunsens leġittimi.
49. L-EDPB ma jqisx li l-Artikolu 6(1)(b) ġeneralment ikun bażi ġuridika xierqa għall-iproċessar għall-finijiet tat-titjib ta' servizz jew għall-iżvilupp ta' funzjonijiet ġodda f'servizz eżistenti. Fil-biċċa l-kbira mill-każijiet, utent jidħol f'kuntratt biex jagħmel użu minn servizz eżistenti. Filwaqt li l-possibbiltà ta' titjib u ta' modifiki għal servizz tista' tiġi inkluża ta' rutina fil-klawżoli tal-kuntratt, dan l-iproċessar normalment ma jistax jitqies bħala oġġettivament meħtieġ għall-eżekuzzjoni tal-kuntratt mal-utent.

#### 3.2 Ipproċessar għall-“prevenzjoni tal-frodi”

50. Kif diġà osserva d-WP29,<sup>26</sup> l-iproċessar għall-finijiet ta' prevenzjoni tal-frodi jista' jinvolvi l-monitoraġġ u t-tfassil ta' profil tal-klijenti. Fil-fehma tal-EDPB, dan l-iproċessar aktarx imur lil hinn minn dak li huwa oġġettivament meħtieġ għall-eżekuzzjoni ta' kuntratt ma' suġġett tad-data. Madankollu, l-iproċessar tad-data personali li hija strettament meħtieġa għall-finijiet tal-prevenzjoni tal-frodi jista' jikkostitwixxi interess leġittimu tal-kontrollur tad-data<sup>27</sup>, u għalhekk jista' jitqies bħala legali, jekk ir-rekwiżiti speċifiċi tal-Artikolu 6(1)(f)(interessi leġittimi) jiġu ssodisfati mill-kontrollur tad-data. Barra minn hekk, l-Artikolu 6(1)(c) (obbligu legali) jista' jipprovdi wkoll bażi ġuridika għal dan l-iproċessar tad-data.

<sup>25</sup> Jista' jkun ukoll il-każ li servizzi online ikunu jridu jieħdu inkunsiderazzjoni d-Direttiva (UE) 2019/770 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Mejju 2019 dwar ċerti aspetti li jikkonċernaw il-kuntratti għall-provvista ta' kontenut diġitali u ta' servizzi diġitali (ĠU L 136, 22.5.2019, p. 1), li se tibda tapplika mill-1 ta' Jannar 2022.

<sup>26</sup> L-Opinjoni 6/2014 tal-Grupp ta' Ħidma tal-Artikolu 29 dwar il-kunċett ta' interessi leġittimi tal-kontrollur tad-data skont l-Artikolu 7 tad-Direttiva 95/46/KE (WP217), il-paġna 17.

<sup>27</sup> Ara l-Premessa 47, is-sitt sentenza.

### 3.3 Ipproċessar għal reklamar online li jagħraf l-imġiba

51. Ir-reklamar online li jagħraf l-imġiba, u kwalunkwe traċċar u tfassil ta' profili relatati ta' suġġetti tad-data, spiss jintużaw biex jiġu ffinanzjati servizzi online. Preċedentement, id-WP29 iddikjara l-fehma tiegħu dwar dan l-iproċessar, fejn iddikjara:

*in-[neċessità kuntrattwali] mhijiex bażi ġuridika xierqa għat-tfassil ta' profil tal-preferenzi u tal-istil ta' ħajja tal-utent abbażi tas-sekwenza tal-ikklikkjar tiegħu fuq sit web u tal-oġġetti mixtrija. Dan huwa minħabba li l-kontrollur tad-data ma jkunx ġie kkuntrattat biex iwettaq it-tfassil ta' profili, iżda minflok biex pereżempju jikkonsenja oġġetti u jwassal servizzi partikolari.<sup>28</sup>*

52. Bħala regola ġenerali, l-iproċessar tad-data personali għar-reklamar li jagħraf l-imġiba mhuwiex meħtieġ għall-eżekuzzjoni ta' kuntratt għal servizzi online. Normalment, ikun diffiċli li jitressaq l-argument li l-kuntratt ma jkunx twettaq minħabba li ma kienx hemm reklami li jagħrfu l-imġiba. Dan huwa appoġġat ulterjorment mill-fatt li, skont l-Artikolu 21, is-suġġetti tad-data għandhom id-dritt assolut li joġġezzjonaw għall-iproċessar tad-data tagħhom għal finijiet ta' kummerċjalizzazzjoni diretta.
53. Barra minn hekk, l-Artikolu 6(1)(b) ma jistax jipprovdi bażi ġuridika għal reklamar online li jagħraf l-imġiba sempliċiment minħabba li, indirettament, dan ir-reklamar jiffinanzja l-forniment tas-servizz. Għalkemm dan l-iproċessar jista' jappoġġa t-twassil ta' servizz, dan minnu nnifsu mhuwiex biżżejjed biex jiġi stabbilit li huwa meħtieġ għall-eżekuzzjoni tal-kuntratt inkwistjoni. Il-kontrollur ikun irid iqis il-fatturi deskritti fil-qosor fil-paragrafu 33.
54. Meta jitqies li l-protezzjoni tad-data hija dritt fundamentali ggarantit mill-Artikolu 8 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali, u meta jittieħed inkunsiderazzjoni li wieħed mill-għanijiet ewlenin tal-GDPR huwa li jipprovdi kontroll lis-suġġetti tad-data fuq l-informazzjoni relatata magħhom, id-data personali ma tistax titqies bħala komodità negozjabbli. Anke jekk is-suġġett tad-data jista' jaqbel mal-iproċessar tad-data personali,<sup>29</sup> dan ma jistax iċedi d-drittijiet fundamentali tiegħu permezz ta' dan il-ftehim.<sup>30</sup>
55. L-EDPB josserva wkoll li, f'konformità mar-rekwiżiti tal-privatezza diġitali u mal-opinjoni eżistenti tad-WP29 dwar ir-reklamar li jagħraf l-imġiba,<sup>31</sup> kif ukoll id-Dokument ta' Ħidma 2/2013 li jipprovdi gwida dwar il-ksib tal-kunsens għall-cookies,<sup>32</sup> il-kontrolluri jridu jiksbu l-kunsens minn qabel tas-suġġett tad-data biex iqiegħdu l-cookies meħtieġa għar-reklamar li jagħraf l-imġiba.
56. L-EDPB josserva wkoll li t-traċċar u t-tfassil ta' profili tal-utenti jista' jitwettaq għall-finijiet tal-identifikazzjoni ta' gruppi ta' individwi b'karatteristiċi simili, biex ikun possibbli reklamar immirat lejn udjenzi simili. Dan l-iproċessar ma jistax jitwettaq abbażi tal-Artikolu 6(1)(b), billi ma jistax jitqies

<sup>28</sup> L-Opinjoni 6/2014 tal-Grupp ta' Ħidma tal-Artikolu 29 dwar il-kunċett ta' interessi leġittimi tal-kontrollur tad-data skont l-Artikolu 7 tad-Direttiva 95/46/KE (WP217), il-paġna 17.

<sup>29</sup> Ara d-Direttiva (UE) 2019/770 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Mejju 2019 dwar ċerti aspetti li jikkonċernaw il-kuntratti għall-provvista ta' kontenut diġitali u ta' servizzi diġitali.

<sup>30</sup> Minkejja l-fatt li l-użu tad-data personali huwa rregolat mill-GDPR, hemm raġunijiet addizzjonali għalfejn l-iproċessar tad-data personali huwa kunċettwalment differenti minn pagamenti monetarji. Pereżempju, il-flus jistgħu jingħaddu, li jfisser li l-prezzijiet jistgħu jitqabblu f'suq kompetittiv, u normalment, pagamenti monetarji jistgħu jsiru biss bl-involvement tas-suġġett tad-data. Barra minn hekk, id-data personali tista' tiġi sfruttata minn bosta servizzi fl-istess ħin. Ladarba jkun intilef il-kontroll fuq id-data personali ta' individwu, hemm il-possibbiltà li dak il-kontroll jista' ma jerġax jinkiseb.

<sup>31</sup> L-Opinjoni 2/2010 tal-Grupp ta' Ħidma tal-Artikolu 29 dwar ir-reklamar online li jagħraf l-imġiba (WP171).

<sup>32</sup> Id-Dokument ta' Ħidma 2/2013 tal-Grupp ta' Ħidma tal-Artikolu 29 li jipprovdi gwida dwar il-ksib tal-kunsens għall-cookies (WP208).

bħala oġġettivament meħtieġ, għall-eżekuzzjoni tal-kuntratt mal-utent, li wieħed jittraċċa u jqabbel il-karatteristiċi u l-imġiba tal-utenti għal finijiet relatati mar-reklamar lil individwi oħra.<sup>33</sup>

### 3.4 Ipproċessar għall-personalizzazzjoni tal-kontenut<sup>34</sup>

57. L-EDPB jirrikonoxxi li l-personalizzazzjoni tal-kontenut tista' (iżda mhux dejjem) tikkostitwixxi element intrinsiku u mistenni ta' ċerti servizzi online, u għalhekk, f'xi każijiet tista' titqies bħala meħtieġa għall-eżekuzzjoni tal-kuntratt mal-utent tas-servizz. Jekk dan l-iproċessar jistax jitqies bħala aspett intrinsiku ta' servizz online jiddependi fuq in-natura tas-servizz ipprovdut, l-aspettattivi tas-suġġett tad-data medju fid-dawl mhux biss tal-klawżoli tas-servizz iżda wkoll tal-mod kif is-servizz jiġi promoss lill-utenti, u jekk is-servizz jistax jiġi pprovdut mingħajr personalizzazzjoni. Fejn il-personalizzazzjoni tal-kontenut ma tkunx oġġettivament meħtieġa għall-għan tal-kuntratt sottostanti, pereżempju fejn il-konsenja tal-kontenut personalizzata tkun maħsuba biex iżżid l-involviment tal-utent ma' servizz iżda ma tkunx parti integrali mill-użu tas-servizz, il-kontrolluri tad-data għandhom iqisu bażi ġuridika alternattiva, fejn applikabbli.

#### Eżempju 7

Magna tat-tiftix ta' lukandi online timmonitorja l-prenotazzjonijiet tal-utenti fil-passat sabiex toħloq profil tal-infiq tipiku tagħhom. Sussegwentement, dan il-profil jintuża biex jiġu rakkomandati lukandi partikolari lill-utent waqt ir-riżultati tat-tiftix. F'dan il-każ, it-tfassil ta' profil tal-imġiba tal-utent fil-passat u tad-data finanzjarja tiegħu ma jkunx oġġettivament meħtieġ għall-eżekuzzjoni ta' kuntratt, jiġifieri l-forniment ta' servizzi ta' ospitalità abbażi ta' kriterji partikolari tat-tiftix ipprovduti mill-utent. Għalhekk, l-Artikolu 6(1)(b) ma jkunx applikabbli għal din l-attività ta' proċessar.

#### Eżempju 8

Suq online jippermetti li xerrejja potenzjali jfittxu u jixtru xi prodotti. Is-suq jixtieq juri suġġerimenti personalizzati ta' prodotti abbażi ta' liem oġġetti x-xerrejja potenzjali jkunu diġà raw fuq il-pjattaforma, sabiex iżid l-interattività. Din il-personalizzazzjoni mhijiex oġġettivament meħtieġa biex jiġi pprovdut is-servizz tas-suq. Għalhekk, dan l-iproċessar tad-data personali ma jistax joqgħod fuq l-Artikolu 6(1)(b) bħala bażi ġuridika.

<sup>33</sup> Ara wkoll il-Linji Gwida tal-Grupp ta' Ħidma tal-Artikolu 29 dwar it-Teħid awtomatizzat ta' deċiżjonijiet individwali u t-Tfassil ta' Profili għall-finijiet tar-Regolament 2016/679 (WP251rev.01), approvati mill-EDPB, il-paġna 13.

<sup>34</sup> Jista' jkun ukoll il-każ li servizzi online ikunu jridu jieħdu inkunsiderazzjoni d-Direttiva (UE) 2019/770 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Mejju 2019 dwar ċerti aspetti li jikkonċernaw il-kuntratti għall-provvista ta' kontenut diġitali u ta' servizzi diġitali (ĠU L 136, 22.5.2019, p. 1), li se tibda tapplika mill-1 ta' Jannar 2022.